

Pubblikazzjoni tan-noti u tal-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari

In-noti jew l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari mill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu ppubblikati, skont il-ħames paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'terminu raġonevoli wara l-għeluq tal-kawża, sakemm l-awtur ta' dawn l-osservazzjonijiet ma joġġezzjonax.

L-Artikolu 202(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi li din l-oġġezzjoni għandha tiġi kkomunikata lir-Reġistru, permezz ta' att separat, sa mhux iktar tard minn tliet xhur wara l-informazzjoni li ma tkun saret ebda proposta ta' eżami mill-ġdid mill-Avukat Ġenerali Ewlieni, jew wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li ma teżaminax mill-ġdid id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, jew wara l-għoti tas-sentenza ta' eżami mill-ġdid.

Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li n-noti jew l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari magħluqa mill-Qorti Ġenerali jiġu ppubblikati fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-possibbiltà ta' oġġezzjoni mill-awtur tagħhom. Id-dokumenti ppubblikati f'dan is-sit huma l-verżjoni oriġinali tan-nota jew tal-osservazzjonijiet ippreżentati kif ukoll it-traduzzjonijiet disponibbli ta' din in-nota jew ta' dawn l-osservazzjonijiet, mingħajr kwalunkwe data personali li jista' jkun fiha. Sabiex jiġu stabbiliti dawn il-verżjonijiet, id-dokumenti oriġinali huma suġġetti għal ipproċessar tekniku, b'tali mod li l-format tagħhom jista' jinbidel xi ftit.